Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Lulju 1976

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għar-rifletturi tar-rifless għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(76/757/KEE).

(ĠU L 262, 27.9.1976, p. 32)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-Kunsill 87/354/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987	L 192	43	11.7.1987
►**M2**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 97/29/KE ta' l-11 ta' Ġunju 1997	L 171	13	30.6.1997
►**M3**	Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	709	31.12.2008
►**M4**	Direttiva tal-Kunsill 2013/15/UE tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	172	10.6.2013

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
►**A2**	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►**A3**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►**A4**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Lulju 1976

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għar-rifletturi tar-rifless għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(76/757/KEE).

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-ħtiġiet tekniċi li vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jirrelataw, inter alia, għar-rifletturi tar-rifless tagħhom;

Billi dawk il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa meħtieġ għaldaqstant li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew minflok ir-regolamenti eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [3], tiġi introdotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Billi, fid-Direttiva 76/756/KEE [4], il-Kunsill stipula ħtiġiet komuni għall-installazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom;

Billi proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip armonizzata għar-rifletturi tagħmilha possibbli għal kull Stat Membru li jiċċekkja l-konformità mal-ħtiġiet ta' kostruzzjoni u ta' ttestjar komuni u li jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar is-sejbiet tiegħu billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent mimli għal kull tip ta' riflettur tar-rifless; billi t-tqegħid ta' marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fuq ir-rifletturi tar-rifless kollha manifatturati f'konformità mat-tip approvat ineħħi kull bżonn għal verifiki tekniċi fuq dawn ir-rifletturi tar-rifless fl-Istati Membri;

Billi huwa mixtieq li jittieħed kont tal-ħtiġiet tekniċi adottati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU fir-Regolament tagħha Nru 3 ("Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta' mezzi ta' rifletturi tar-rifless għall-vetturi bil-mutur" [5], li hu anness mal-Ftehim ta' l-20 ta' Marzu 1958 li jikkonċerna l-adozzjoni ta' kundizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku ta' mezz u partijiet ta' vetturi bil-mutur;

([1]) ĠU C 55, tat-13.5.1974, p. 14
([2]) ĠU C 109, tad-19.9.1974, p. 26
([3]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1
([4]) Ara p. 1 ta' dan il-ĠU
([5]) Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa, Dokument E/ECE/324 / E/ECE/TRANS/505 } Addendum 2

▼B

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jirrelataw ma' vetturi bil-mutur jinvolvi r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tal-verifiki li jkunu saru minn kull wieħed minnhom abbażi tal-ħtiġiet komuni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

▼M2

1. Kull Stat Membru għandu jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent KE għal kull tip ta' retro-riflettur li jissodisfa l-ħtiġiet tal-kostruzzjoni u tat-test stipulati fl-Annessi rilevanti.

▼B

2. L-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE tal-komponenti għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifika li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat, safejn dan huwa meħtieġ u jekk hemm bżonn f'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra. Din il-verifika għandha tkun limitata għall-verifiki saltwarji.

Artikolu 2

▼M2

Stati Membri għandhom, għal kull tip ta' retro-riflettur li japprovaw skond l-Artikolu 1, joħorġu lill-manifattur marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent KE li tikonforma mal-mudell muri fl-Anness I, Appendiċi 3.

▼B

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jipprevenu l-użu ta' marki li jafu joħolqu konfużjoni bejn riflessuri tar-rifless li jkunu ġew approvati skond l-Artikolu 1, u mezzi ieħor.

Artikolu 3

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' rifletturi tar-rifless għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni jew il-metodu ta' funzjonament tagħhom jekk dawn għandhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

2. Madankollu, Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' rifletturi tar-rifless li jkollhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li b'mod konsistenti jonqsu milli jikkonformaw mat-tip approvat.

Dak l-Istat għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżuri li jittieħdu, u għandu jispeċifika r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni tiegħu.

▼M2

Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-xulxin, permezz tal-proċedura speċifikata fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 70/156/KEE, b'kull approvazzjoni li jkunu taw, ċaħdu jew irtiraw skond din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent isib li numru ta' rifletturi tar-rifless li jkollhom l-istess

▼B

marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent ma jikkonformawx mat-tip li jkun approva, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li-l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lil dawk ta' l-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri meħuda, li jistgħu, fejn hemm nuqqas ta' konformità b'mod konsistenti, jestendu għall-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent. L-awtoritajiet imsemmijin għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk huma infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor dwar dan in-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin, fi żmien xahar, dwar kull irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, u dwar ir-raġunijiet għal din il-miżura.

Artikolu 6

Kull deċiżjoni meħuda skond id-dispożizzjonijiet adottati fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, sabiex tiġi rrifjutata jew irtirata approvazzjoni għal riflettur tar-rifless jew li tipprojibixxi t-tqegħid tiegħu fis-suq jew l-użu tiegħu, għandha telenka fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata. Deċiżjoni bħal din għandha tiġi notifikata lill-parti konċernata, li għandu fl-istess ħin ikun infurmat dwar ir-rimedji disponibbli lilu taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membriu u dwar il-limiti taż-żmien permess għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji.

Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet relatati mar-rifletturi tar-rifless tagħha jekk dawn għandhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jekk dawn huma mwaħħlin skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 8

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew użu ta' xi vettura għal raġunijiet relatati mar-rifletturi tar-rifless tagħha jekk dawn għandhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jekk dawn huma mwaħħlin skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

▼M2

Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jew mingħajra, li għandha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li teċċedi l-25 kilometru fis-siegħa, u l-karrijiet tagħha, bl-eċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, u kull makkinarju mobbbli.

▼B

Artikolu 10

Kull emenda neċessarja sabiex taġġusta l-ħtiġiet ta' l-Annessi sabiex jieħdu kont tal-progress tekniku għandha tiġi adottata b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

Artikolu 11

1. Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1977 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 1977 l-aktar tard.

2. Ladarba din id-Direttiva tkun ġiet notifikata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-Kummissjoni hija infurmata, fi żmien suffiċjenti sabiex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha dwar kull abbozz ta' liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva li huma jipproponu li jddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M2**

LISTA TA' L-ANNESSI

L-ANNESS I: Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip

Appendiċi 1: Dokument ta' informazzjoni

Appendiċi 2: Ċertifikazzjoni ta' approvazzjoni tat-tip

Appendix 3: Mudelli tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent

L-ANNESS II: Kamp ta' applikazzjoni u ħtiġiet tekniċi

▼M2

L-ANNESS I

DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

1. APPLIKAZZJONI GĦAL APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

1.1. L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent skond l-l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' retro-riflettur għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.

1.2. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni jingħata f'Appendiċi 1.

1.3. Dan li ġej għandu jingħata lis-servizz tekniku responsabbli biex jagħmel it-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip:

1.3.1 fil-każ ta' retro-rifletturi ta' Klassi IA jew III A.

1.3.1.1 għaxar (10) kampjuni tal-kulur speċifikat mill-maifattur;

1.3.1.2 jekk neċessarju, żewġ kampjuni f'kuluri oħrajn għall-estensjoni simultanja jew sussegwenti ta' l-approvazzjoni għal retro-rifletturi f'kuluri oħrajn;

1.3.2. fil-każ ta' retro-rifletturi ta' Klassi IV A, għaxar (10) kampjuni u, jekk neċessarju, l-mezz ta' twaħħil.

2. MARKI

2.1. Il-mezzi sottomessi għal approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandu jkollhom:

2.1.1. l-isem kummerċjali jew *trade mark* tal-manifattur;

2.1.2. il-marka TOP li tidher orizzontalment fin-naħa ta'fuq tal-wiċċ li jillumina, jekk hemm bżonn biex jiddetermina l-angoli bla dubju ta' xejn l-angolu jew angoli ta' rotazzjoni speċifikati mill-manifattur.

2.2. Dawn il-marki għandhom ikunu jinqraw b'mod ċar u li ma jitħassarx u għandhom ikunu mwaħħla mal-wiċċ li jillumina, jew ma' wieħed mill-uċuh li jilluminaw, tal-mezz. Għandhom ikunu visibbli min-naħa ta' barra meta l-mezz hu mwaħħal mall-vettura.

2.3. Kull mezz għandu jkollu spażju biżżejjed għall-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent. Dan l-ispażju għandu jkun indikat fuq id-disinji imsemmija fl-Appendiċi I.

3. GĦOTI TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

3.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti huma sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk applikabbli, 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata

3.2. Mudell għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE jingħata fl-Appendiċi 2.

3.3. Numru ta' approvazzjoni skond l-Anness VII għad-Direttiva 70/156/KEE għandu jkun assenjat għal kull tip ta' retro-riflettur approvat. L-istess Stat Membru ma għandux jassenja l-istess numru għal-tip ieħor ta' retro-riflettur.

3.4 Meta approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent tintalab għat-tip mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jikkomprendi i retro-riflettur u fanali oħrajn, numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent wieħed jista' jkun assenjat basta li r-retro-riflettur jikkonforma mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u li kull wieħed mill-fanali l-oħrajn li jifformaw parti mill-mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li għalih hija mitluba l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent jikkonforma mad-Direttiva separata li tapplika għalih.

4. MARKA TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

4.1. Flimkien mall-marki imsemmija fil-punt 2.1. kull retro-riflettur li jikkonforma mat-tip approvat skond din id-Direttiva għandu jkollu marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent.

▼M2

4.2. Din il-marka għandha tikkonsisti fi:

4.2.1. rettangolu madwar l-ittra “e” segwit bin-numru jew ittri distinti ta’ l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip:

1 għall-Ġermanja

2 għal Franza

3 għall-Italja

4 għall-Olanda

5 għall-Isvezja

6 għall-Belġju

▼A4

7 għall-Ungerija

8 għar-Repubblika Ċeka

▼M2

9 għal Spanja

11 għar-Renju Unit

12 għall-Awstrija

13 għal-Lussemburgu

17 għall-Finlandja

18 għad-Danimarka

▼M3

19 għar-Rumanija

▼A4

20 għall-Polonja

▼M2

21 għall-Portugall

23 għall-Greċja

▼M4

25 għall-Kroazja

▼A4

26 għas-Slovenja

27 għas-Slovakkja

29 għall-Estonja

32 għal-Latvja

▼M3

34 għall-Bulgarija

▼A4

36 għal-Litwanja

CY għal Ċipru

▼M2

IRL għall-Irlanda

▼A4

MT għal Malta

▼M2

4.2.2. fil-viċinanza tar-rettangolu in-“numru ta’ approvazzjoni bażi” li jinstab fis-sezzjoni 4 tan-numru ta’ l-approvazzjoni tat-tip msemmi fl-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut miż-żewġ ċifri li jindikaw in-numru ta’ segwenza assenjat għall-emenda teknika kbira l-aktar reċenti għad-Direttiva 76/757/KEE fid-data li l-approvazzjoni tat-tip tal-KE kienet ingħatat. F’din id-Direttiva n-numru ta’ segwenza hu 02.

▼M2

4.2.3. simbolu addizzjonali kif ġej:

4.2.3.1. "I A", "III A" jew "IV A" li juri l-klassi li fiha ir-retro-riflettur kien impoġġi meta approvat.

4.3 Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandha tkun imwaħħla fuq il-wiċċ li jitfa' d-dawl tar-rtetro-riflettur b'mod li tkun ma tistgħax titħassar u li tinqara b'mod ċar anki meta r-retro-riflettur *retro* hu mwaħħal mal-vettura.

4.4. Eżempji tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent qed jingħata fl-Appendiċi 3, Figura 1.

4.5. Meta numru wieħed ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent jinħareġ, kif hemm fil-punt 3.4 fuq, għat-tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jikkomprendi retro-riflettur u fanali oħrajn, marka waħda ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent tista' tkun imwaħħla, li tikkonsisti f':

4.5.1. rettangolu madwar l-ittra "e" segwit b'numru jew ittri li jiddistingwi Stat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip (ara il-punt 4.2.1);

4.5.2. in-numru ta' approvazzjoni bażi (ara il-punt 4.2.2. l-ewwel nofs-sentenza);

4.5.3 jekk neċessarju, l-vleġġa meħtieġa, safejn hi relatata mal-assemblaġġ sħiħ tal-fanal.

4.6. Din il-marka tista' titqiegħed kullimkien fuq il-fanali li huma raggruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokament, basta li:

4.6.1. hi visibbli wara l-installazzjoni tal-fanali;

4.6.2 ebda komponenti li jittrasmettu dawl tal-fanali raggruppati, kombinati jew reċiprokament inkorporati ma jistgħu jitneħħew mingħajr ma titneħħa simultanjament il-marka ta' approvazzjoni.

4.7. Is-simbolu ta' identifikazzjoni għal kull fanal li tikkorispondi ma' kull Direttiva skond liema l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent kienrt ingħatat, flimkien man-numru ta' segwenza (ara il-punt 4.2.2, tieni nofs-sentenza), u fejn neċessarju, l-ittra "D" u l-vleġġa meħtieġa għandhom ikunu immarkati:

4.7.1. jew fuq il-wiċċ li jagħti d-dawl xieraq;

4.7.2. jew fi grupp, b'mod li kull wieħed mill-fanali raggruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokament jista' jkun identifikat b'mod ċar.

4.8. Id-dimensjonijiet tal-komponenti ta' din il-marka ma għandhomx ikunu inqas mid-dimensjonijiet minimi speċifikati għall-marki individwali mid-Direttivi varji li skond liema l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent kienet ingħatat.

4.9 Eżempji tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal fanal li hu raggruppat, kombinat jew inkorporat b'mod reċiproku ma' fanali oħrajn jingħataw fl-Appendiċi 3, Figura 2.

5. MODIFIKI TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

5.1. Fil-każ tal-modifiki tat-tip approvat skond din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.

5.2 Meta approvazzjoni tat-tip hija estiża għal retro-riflettur li hu differenti biss fil-kulur, il-kampjuni ta' kull kulur ieħor, sottomessi skond il-punt 1.3.1.2 fuq, għandhom jikkonformaw biss ma' l-ispeċifikazzjonijiet kolorometriċi; it-testijiet l-oħrajn ma hemmx bżonn ikunu ripetuti.

Dan il-paragrafu ma japplikax għal retro-rifletturi tal-klassi IV A.

6. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

6.1. Bħala regola ġenerali, miżuri biex jassiguraw il-konformità ta' produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼**M2**

6.2. F’termini mekkaniċi u geometriċi, il-konformità għandha tkun konsiderata sodisfaċenti jekk id-differenżi mhumiex aktar mill-varjazzjonijiet li jeżiżtu fil-produzzjoni industrijali.

6.3. Konformità tal-produzzjoni ma għandiex tkun invalidata jekk il-kejl fotometriku kollu mwettaq fuq kampjuni li ntgħażlu b’mod saltwarju jissodisfaw mill-inqas 80 % ta’ l-ispeċifikazzjoni.

6.4. Jekk il-kondizzjoni stipulata fil-paragrafu 6.3 ma tintlaħaqx, kampjun ieħor ta’ ħames unitajiet għandu jkun magħżul b’mod saltwarju. Il-medja ta’ kull tip ta’ kejl fotometriku għandha tilħaq l-ispeċifikazzjoni u ebda kejl individwali ma jista’ jkun inqas minn 50 % ta’ l-ispeċifikazzjoni.

▼M2

Appendiċi 1

Dokument ta' informazzjoni Nru....

relatat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent ta' retro-rifletturi

(Direttiva 76/757/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva...../...../KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo *folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): ....

0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali: ....

0.5. Isem u indirizz tal- manifattur: ....

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: ....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ: ....

1. DESKRIZZJONI TAL-MEZZ. ....

1.1. Tip ta' mezz: ....

1.1.1. Funzjoni(jiet) tal-mezz: ....

1.1.2. Kategorija jew klassi tal-mezz: ....

1.1.3. Kulur tad-dawl mitfugħ jew hu rifless: ....

1.2. Disinn(i) f'dettal biżżejjed biex jippermetti l-identifikazzjoni tat-tip tal-mezz u li juri ....

1.2.1. f'liema pożizzjoni geometrika l-mezz għandue jkun immontat fuq il-vettura (mhux applikabbli għall-fanali fuq pjanċi ta' reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara): ....

1.2.2. l-assi ta' osservazzjoni li għandha tittieħed bħala l-assi ta' riferenza fit-testijiet (angolu orizzontali H = 0°, angolu vertikali V = 0°) u l-punt li għandu jittieħed bħala ċ-ċentru ta' riferenza fit-testijiet imsemmija (mhux applikabbli għal mezzi retro-rifletturi u fanali fuq pjanċi ta'reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara): ....

1.2.3. il-pożizzjoni maħsuba għall-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent: ....

1.2.4. għall-fanali fuq il-pjanċi ta' reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara, il-pożizzjoni geometrika li fiha l-mezz għandu jkun imwaħħal f'relazzjoni ma' l-ispazju li għandu jkun okkupat mill-pjanċa ta' reġistrazzjoni, u l-kontorn tal-post illuminat biżżejjed: ....

1.2.5. għall-*headlamps* u fanali taċ-ċpar ta' quddiem, dehra frontali tal-fanali u dettalji tar-*ribbing* tal-lenti, jekk hemm, u l-*cross section*: ....

1.3. Deskrizzjoni teknika qasira li tgħid, partikolarment, bl-eċċezzjoni ta' fanali b'sorsi ta' dawl li ma jistgħux jinbidlu, il-kategorija jew kategoriji ta' sorsi ta' dawl preskritti li għandu jkun wieħed jew aktar ta' dawk li jinstabu fid-Direttiva 76/761/KEE (mhux applikabbli għall-mezzi retro-rifletturi): ....

1.4. Informazzjoni speċifika ....

▼**M2**

1.4.1. Għall-fanali tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara, dikjarazzjoni dwar jekk il-mezz hu maħsub li jillumina pjanċa wiesa/twila/kemm wiesa u kemm twila:.....…

1.4.2. Għall-*headlamps*.....…

1.4.2.1. informazzjoni jekk il-*headlamp* hi maħsuba li tipprovdi kemm raġġ *dipped* u raġġ prinċipali jew biss wieħed minn dawk ir-raġġi: .....…

1.4.2.2. informazzjoni fil-każ li l-*headlamp* hu maħsub li jipprovdi raġġ *dipped,* jekk hu ddisenjat għal traffiku kemm fuq ix-xelug kif ukoll fuq il-lemin jew għal traffiku fuq ix-xellug jew fuq il-lemin biss:.....…

1.4.2.3. jekk il-*headlamp* hu magħmmar b'riflettur aġġustabbli, indikazzjoni tal-pożizzjoni(jiet) ta' mmuntar tal-*headlamp* f'relazzjoni ma' l-art u l-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura, jekk il-*headlamp* hu għall-użu f'dik (dawk) il-pożizzjoni(jiet) biss: .....…

1.4.3. Għall-fanali ta' pożizzjoni, fanali tal-waqfien u indikaturi tad-direzzjoni.....…

1.4.3.1. jekk il-mezz jista' wkoll jintuża f'assemblaġġ ta' żewġ fanali ta' l-istess kategorija:.....…

1.4.3.2. fil-każ ta' mezz b'żewġ livelli ta' intensità (fanali tal-waqfien u indikaturi tad-direzzjoni tal-kategorija 2b) dijagramma ta' arranġament u speċifikazzjoni tal-karatteristiċi tas-sistema li jassiguraw iż-żewġ livelli ta' intensità:.....…

1.4.4. Għall-mezzi ta' retro-rifletturi, deskrizzjoni qasira li tagħti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-materjali ta' l-unità ottika retro-riflettur:.....…

1.4.5. Għall-fanali tar-rivers, dikjarazzjoni jekk il-mezz hux maħsub li jkun stallat fuq il-vettura esklużivament f'par:.....…

▼**M2**

Appendiċi 2

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna

— l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) fir-rigward tad-Direttiva…/…/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE)

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

SEZZJONI I

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur: .....

0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali: .....

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika ..... ([1]) ([2]):

0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: .....

0.4. Kategorija tal-vettura ..... ([1]) ([3]):

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ: .....

SEZZJONI II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): Ara Addendum.....

2. Serviżż tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: .....

3. Data tar-rapport tat-test: .....

4. Numru tar-rapport tat-test: .....

5. Kummenti (jekk hemm): Ara Addendum .....

6. Post: .....

▼**M2**

7. Data: .... …

8. Firma: .... …

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.

([2]) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

([3]) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼**M2**

Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru.....

li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent ta' mezz ta' dawl u/jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl b'rigward għad- Direttiva(i) 76/757/KEE; 76/758/KEE; 76/759/KEE; 76/760/KEE; 76/761/KEE; 76/762/KEE; 77/538/KEE; 77/539/KEE u 77/540/KEE [1] kif l-aħħar emendati bid-Direttiva(i).....

1. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

1.1. Fejn applikabbli, indika għal-kull fanal

1.1.1. Il-kategorija (i) ta' l-mezz(i): .....

1.1.2. In-numru u l-kategorija tas-sorsi ta' dawl (mhux applikabbli għal retro-riflettur) [2] .....

1.1.3. Kulur tad-dawl mitfugħ jew hu rifless: .....

1.1.4. Approvazzjoni mogħtija biss għall-użu bħala parti li tista tinbidel fuq vetturi diġa fis-serviżż: Iva/Le [1] .....

1.2. Informazzjoni speċifika għal ċerti tipi ta' mezzi ta' dawl jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl .....

1.2.1. Għall-mezzi retro-rifletturi: F'isolazzjoni/parti ta' assemblea ta' l-mezzi [1] .....

1.2.2. Għall-fanali fuq il-pjanċi ta' reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara: Mezz li jillumina pjanċa twila/pjanċa wiesa [1] .....

1.2.3. Għall-*headlamps*: Jekk mgħammra b'riflettur aġġustabbli, l-pożizzjoni(jiet) ta' mmuntar tal-*headlamp* f'relazzjoni mall-art u l-pjan medjan longitudinali tal-vettura, jekk il-*headlamp* huwa għall-użu f'dik (dawk) il-pożizzjoni(jiet) biss: .....

1.2.4. Għall-fanali tar-rivers: Dan il-mezz għandu jkun stallat fuq tip ta' vettura biss bħala parti minn par ta' mezzi: Iva/Le [1] .....

5. RIMARKI

5.1. Disinnji

5.1.1. Għall-fanali fuq pjanċi ta' reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara: id-disinn mehmuż Nru… juri il-pożizzjoni ġeometrika li fiha l-mezz għandu jkun imwaħħal b'relazzjoni ma'l-ispazju li għandu jkun okkupat mill-pjanċa ta' reġistrazzjoni, u l-kontorn tal-post illuminat biżżejjed;

5.1.2. Għall-mezzi retro-rifletturi: it-tpinġija imwaħħla Nru… turi il-pożizzjoni geometrika li fih l-apparat se jkunu mwaħħla mal-vettura;

5.1.3. Għad-dawl kollu ieħor u l-mezzi li jagħtu d-dawl: id-disinn mehmuż Nru… juri l-pożizzjoni geometrika li fiha l-mezz li għandu jkun imwaħħal mal-vettura, u l-assi ta' riferenza u ċ-ċentru ta' riferenza tal-mezz.

5.2. Għall-*headlamps*: Mod ta' operazzjoni użat matul it-test (il-punt 5.2.3.9 ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/761/KEE): .....

[1] Ħassar fejn ma japplikax.

[2] Għall-fanali b'sorsi ta' dawl li ma jinbidlux, indika n-numru u l-wattage total tas-sorsi ta' dawl.

▼**M2**

Appendiċi 3

EŻEMPJI TAL-MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

Figura 1



Il-mezz li għandu l-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent muri fuq hu retro-riflettur ta' klassi I A, li ngħata l-approvazzjoni tat-tip fil-Ġermanja (el) skond din id-Direttiva (02) bin-numru ta' approvazzjoni bażi 1471

▼M2

Figura 2:

Markar simplifikat ta' fanali raggruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokament meta żewġ fanali jew aktar huma parti mill-istess assemblaġġ

Il-linji vertikali u orizzontali jiskematizzaw il-forma tal-mezz li jissenjala biddawl. Dawn mhumiex parti mill-marka ta' approvazzjoni).

MUDELL A



MUDELL B



MUDELL C



▼**M2**

Nota: It-tliet eżempji ta' marki ta' approvazzjoni, mudelli A, B u C jirrappreżentaw it-tliet varjanti possibbli tal-markar ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl meta żewġ fanali jew aktar huma parti mill-istess unità ta' fanali ragruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokament. Din il-marka ta' approvazzjoni turi li l-mezz kien approvat fil-Ġermanja (el) bin-numru ta' approvazzjoni bażi 1712 u li jikkonsisti:

F' retro-riflettur ta' klassi IA approvat skond id-Direttiva 76/757/KEE, segwenza Nru 02:

Indikatur tad-direzzjoni ta' wara ta' kategorija 2° approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/759/KEE (ĠU No L 262, 27. 1976, p. 71), segwenza No 01;

Fanal ta' pożizzjoni ta' wara aħmar (R) approvat skond l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 76/758/KEE (ĠU No L 262, 27, 1976, p. 54), segwenza Nru 02;

Fanal taċ-ċpar ta' wara (F) approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill 77/538/KEE, segwenza Nru 00:

Fanal tar-rivers (AR) approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill 77/539/KEE (ĠU No L 220, 29. 1977, p. 60), segwenza Nru 00;

Fanal tal-waqfien b'żewġ livelli ta' intensità (S2) approvat skond l-Anness II tad-Direttiva 76/758/KEE, segwenza Nru 02:

Fanal tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara (L) approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/760/KEE (ĠU No L 262, 27. 1976, p. 85), segwenza Nru 00.

▼**M2**

L-ANNESS II

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U ĦTIĠIET TEKNIĊI

1. **KAMP TA' APPLIKAZZJONI**

Din id-Direttiva tapplika għar-retro-rifletturi għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom.

2. **ĦTIĠIET TEKNIĊI**

2.1. Il-ħtiġiet tekniċi huma dawk stipulati fil-paragrafi 2, 6 sa 7 u l-Annessi 1 u 4 sa 15 tar– Regolament *UN-ECE* Nru 3 li jikkonsisti fil-konsolidazzjoni tad-dokumenti li ġejjin:

— is- serje ta' emendi 01 u 02 ([1]);

— is-Suppliment tas- serje ta' emendi 01 sa 02 ([2]);

— is-Suppliment tas-serje ta' emendi 2 sa 02 ([3]);

— is-Suppliment tas-serje ta' emendi 3 sa 02 ([4]);

minbarra li:

2.1.1. Fejn issir riferenza għar-Regolament Nru 48, dan għandu jkun miftihem bħala "Direttiva 76/756/KEE".

([2]) E/ECE/324
E/ECE/TRANS/505
} Add.2/Rev.1/Emend.2

([3]) E/ECE/324
E/ECE/TRANS/505
} Add.6/Rev.1/Emend.3.

([4]) TRANS/WP29/446.